MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2007

Numru 1307/2007

**Pulizija**
**Spettur Martin Sammut**

**Vs**

**Nage Hamad M Yahla**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Nage Hamad M Yahla ta’ 29 sena, bin Hamad u Hawa, imwieled nhar it-22 ta’ Ottubru, 1977, Benghazi, il-Libya, residenti fil-fond Flat 1, Galewood, Triq il-Keffa, Swieqi, detentur ta’ passaport Libjan li jgib in-numru 020311;

1. Talli nhar l-14 ta’ Ottubru, 2007, ghall-habta tas-sitta ta’ filghodu gewwa Triq G. Borg Olivier, San Giljan, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew

b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, kkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Sarah Clare D. Vella;

2. U aktar talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Anna Maria Spiteri;

3. U aktar talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna hsara fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BOA 002 tal-ghamla Volkswagen Polo, ghad-dannu ta' Sarah Clare D. Vella;

4. Kif ukoll talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharris ta' regolamenti, ikkaguna hsara fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBS 498 tal-ghamla Peugeot ghad-dannu ta' Albert Vella;

5. U aktar talli saq jew kellu l-kontroll tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBS 498 tal-ghamla Peugeot fi triq pubblika jew post pubbliku meta ma' kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba li kien taht l-effett tal-alkohol jew droga;

6. U kif ukoll talli saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBS 498 tal-ghamla Peugeot b'mod traskurat, perikoluz u negligenti.

Wara li rat id-dokumenti ezebiti;

Wara li rat l-Artikoli 226 (1) (a) u (b), 328, tal-Kapitolu 9, 15 (1) u 15 A tal-Kapitolu 65;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u wara li nghata zmien xieraq skond il-ligi, sabiex l-istess imputat jikkonsidra l-ammissjoni tieghu;

Ikkonsidrat:

Illi din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Nage Hamad M Yahla hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontireh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2), ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------